



Brussell, 7 ta' April 2022
(OR. fr)

7832/22

Fajl Interistituzzjonal:
2022/0096(COD)

CODEC 428
COH 29
SOC 203

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta' żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
- Deċiżjoni li ssir deroga mill-perijodu ta' tmien ġimġħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fit-23 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 175(3) u l-Artikolu 177 TFUE, li ġiet issupplimentata minn proposta emendata li ntbagħtet lill-Kunsill fil-31 ta' Marzu 2022².
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat.
3. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ġie kkonsultat.
4. Fis-7 ta' April 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ ST 7513/22.

² ST 7796/22.

³ ST 7831/22.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 14/22, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss;
 - jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perijodu ta' tmien ġimġhat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni kif spjegata fil-preambolu tal-att leġiżlattiv.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
